**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Dicembru 2017**

**Kawza Nru. 7**

**Fl-atti tar-rikors nru 1208/2015 JZM ta` Catherine Buhagiar (K.I. nru. 376163M) u Frank Buhagiar (K.I. nru. 769460M) fejn intalab ix-xoljiment u l-istralc mill-Qorti tal-kumpannija CNJ International Ltd (C8239), liema kumpannija bi provvediment ta` din il-Qorti tad-29 ta` Frar 2016 kienet dikjarata xjolta u kien ordnat l-istralc taghha**

**Il-Qorti :**

Rat id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u l-ordni ta` stralc tal-kumpannija CNJ International Ltd (C8239).

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox.

U billi tharsu l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386.

Qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija CNJ International Ltd (C8239) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien sebat ijiem mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija CNJ International Ltd (C8239).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**